**8 ta' Marzu, 1993**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Reginald Micallef u Walter Camilleri in rappresentanza tas-soċjetà Formosa u Camilleri *Ltd.*, aġenti Malta tas-soċjetà assikuratriċi estera *Guardian Royal Exchange Assurance plc.*, surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat tagħha s-soċjetà Carmelo Gauci *Ltd.*

*versus*

Godwin Abela bħala direttur u in rappresentanza tal-kumpanija *The Cargo Handling Company Ltd.*,

**Danni – Responsabbilità – Assikurazzjoni – *Classification* ta' Merkanzija – *Laminated Plastic Sheets***

*L-attur assikuratur issurrogat fittex sabiex jirkupra dak li kien ħallas lill-assikurat in linea ta' danni għal "plastic laminated sheets" li* xxarrbu *bix-xita.*

*Ġiet miċħuda eċċezzjoni li l-konvenut bħala kuntrattur tad-direttur tal-portijiet seta' jħalli merkanzija "timber" fl-apert għaliex irriteniet l-ewwel Qorti li l-merkanzija "plastic laminated sheets" ma kinux jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' timber.*

*Irriżulta illi l-merkanzija ġiet riċevuta abbord "in apparent good order and condition" u ma ġiex ippruvat il-kuntrarju u tnizzlet mill-*container *fi stat tajjeb ukoll. Fi żmien li l-merkanzija għamlet fil-kustodju tas-soċjetà konvenuta għamlet ħafna xita u l-merkanzija ma kinitx* protetta.

*Ġiet ikkonfermata s-sentenza ta' l-ewwel Qorti.*

1. Is-soċjetà konvenuta appellat is-sentenza ppronunzjata mill-Qorti tal-Kummerċ fl-1 ta' Ottubru, 1990, li essenzjalment tista' tiġi riprodotta hekk:

"Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, ippremettew illi s-soċjetà Carmelo Gauci *Ltd.* importat ġewwa Malta tliet

"*pallets*", b'għaxar pakki ta' "*laminated plastic sheets*", kif jirriżulta mill-polza tal-karigu (Dok. A) mogħtija mit-trasportaturi, is-soċjetà *Gilnavi*, li wasslet Malta din il-merkanzija fuq il-vapur *Emadala;*

Illi dawn it-tliet "*pallets*" ġew "*stuffed*" ġo "*groupage container*" mis-soċjetà trasportatriċi, u dan il-"*container*" ġie "*destuffed*" jew "*stripped*" fil-bitħa tal-*Pinto Annex* li hija territorju tal-kumpanija konvenuta;

Illi meta l-"*container*" ġie "*destuffed*" fil-presenza tat-"*tally clerks*" rappreżentanti l-aġenti tal-vapur u tal-kumpanija konvenuta, it-tliet "*pallets*" niżlu f'kondizzjoni tajba, kif jirriżulta mit-"*Tally sheet*" anness maċ-ċitazzjoni bħala Dok. B, iffirmata mit-tnejn, liema "*tally sheet*" m'għandhiex rimarki fuq il-"*pallets*", u għalhekk hija għar-rigward din il-merkanzija, "*clean tally*";

Illi bejn id-9 u l-20 ta' Ottubru, meta l-importatur mar jiġbor il-merkanzija, dan l-injam baqa' ddepożitat għand il-kumpanija konvenuta li ħallewh fl-apert, bla protezzjoni mix-xita, u konsegwentement ixxarrab kif jidher mis-"*survey report*" magħmul mill-*Mediterranean Survey Bureau* (Dok. Ċ);

Illi għal din il-ħsara, ikkaġunata mit-tixrib, is-soċjetà assiguratriċi, *Guardian Royal Exchange,* ħallset bħala kumpens, kif kienet obbligata, is-somma ta' disa' mija u tmienja u tletin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm938.50ċ), *oltre* spejjeż oħra ta' "*sorting*" biex jintgħażel it-tajjeb mill-imxarrab, u spejjeż ta' "*survey*" ammontanti bejniethom għal mitt lira (Lm100), u għalhekk din is-soċjetà assiguratriċi ġiet issurrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat, Carmelo Gauci *Ltd.* (Dok. D);

U peress li l-konvenuti *nomine* huma responsabbli għall-ħsara li saret fil-merkanzija, l-istanti *nomine* talbu, għar-raġunijiet fuq premessi:

1. Illi l-konvenuti *nomine* jiġu kkundannati jħallsuhom is-somma ta' Lm1,038.50 (elf u tmienja u tletin lira u ħamsin ċenteżmu), bl-interessi skond il-liġi mid-data tal-pagament in linea ta' danni sofferti mill-importatur u li d-drittijiet għalihom ġew issurrogati lill-atturi *nomine* – bl-ispejjeż kontra l-konvenuti *nomine;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine,* li biha qalu:

1. Illi preliminarjament, John Cavallo ma huwiex Direttur tas-Soċjetà konvenuta;

2. Illi fit-tieni lok iċ-ċitazzjoni hija nulla *stante* li la darba *si tratta* dwar responsabbilità ta' allegati danni sofferti, kellha tintalab dikjarazzjoni ta' responsabbilità, u mingħajr din it-talba ma tistax tiġi akkolta l-ebda talba għall-kundanna ta' ħlas ta' danni;

3. Illi fit-tielet lok u bla preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, *stante* li l-konvenuti *nomine* qdew il-funzjonijiet kollha minnhom rikjesti mil-liġi; u,

4. Illi fir-raba' lok u bla preġudizzju għall-premess, *stante* li *si tratta* ta' kawża għal-likwidazzjoni ta' danni, l-interessi mitluba għandhom jiddekorru biss mid-data tas-sentenza;

Rat in-Nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti *nomine*, li biha qalu:

1. illi bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet ġà ssollevati l-konvenuti jissollevaw li fil-mertu huma m'humiex fi kwalunkwe każ responsabbli għall-ħsarat allegati, u dan skond ir-Regolament numru 90 tar-Regolamenti dwar il-Portijiet ta' l-1966, billi skond l-istess Regolament l-injam huwa wieħed mill-ħafna oġġetti li m'għandhomx jiġu ddepożitati f'bini, iżda barra għar-riskju tas-sid; u għalhekk anki fil-mertu t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-atturi *nomine;*

Eżaminat il-provi kollha prodotti;

Rat l-atti kollha tal-proċess;

Ikkunsidrat:

Illi s-soċjetà kummerċjali Carmelo Gauci *Limited* ta' "Carga", *New Street in Qormi Road,* Santa Venera, importat mill-Italja 10 pakki *"laminated plastic sheets"* stivati fuq tliet *"pallets"*. Din il-merkanzija nġiebet Malta *tramite* d-ditta ta' trasportaturi *Gilnavi Lines* fi *"groupage container"* fuq il-vapur *Emadala.* Il-vapur wasal Malta fis-6 ta' Ottubru, 1986, u l-*"container"* ġie *"destuffed"* probabbilment fid-9 ta' l-istess xahar f'*Pinto Annex,* il-Marsa; u skond il-*"joint tally"* li sar bejn uffiċjal ta' l-aġent tal-vapur u uffiċjal tas-soċjetà konvenuta jidher li l-merkanzija in kwistjoni tnizzlet l-art mingħajr ebda ħsara. Malli l-merkanzija tnizzlet l-art u ġiet maħtuta mill-*"container"*, din daħlet fil-kustodja tas-soċjetà konvenuta;

Illi meta l-burdnara tas-soċjetà importatriċi marru biex

jirtiraw il-merkanzija fl-20 ta' Ottubru, din kienet imxarrba u sofriet danni konsiderevoli. Fil-fatt sar "*survey*" tal-merkanzija qabel ma ġiet irtirata, fil-presenza ta' rappresentanti tas-soċjetà konvenuta u uffiċjali tad-Dwana, u rriżulta li diversi "*sheets*" kienu xxarrbu u sofrew ħsara rrimedjabbli, u oħrajn kienu miksura wkoll. Ma jidhirx li huwa kkuntestat li l-ammont tal-ħsara fil-merkanzija kien ta' Lm938.50ċ. Inoltre, l-attur jallega wkoll li ġew imħallsa Lm60 lis-"*surveyors*" u ġew inkorsi wkoll Lm40 mill-importatur biex ġiet magħżula l-merkanzija t-tajba minn dik li ġarrbet ħsara;

Illi jirriżulta li bejn id-9 u l-20 ta' Ottubru, 1986, kienet għamlet ħafna xita li laqtet b'mod partikolari l-ambjenti ta' madwar il-Furjana, il-Ħamrun u r-Raħal Ġdid, u ma jidhirx li hemm kuntrast li l-merkanzija, wara li tħattet mill-"*container*" tħalliet fl-apert. Intant, is-"*surveyors*" huma tal-fehma li l-merkanzija ġarrbet il-ħsara bl-ilma tax-xita, u eżami għall-presenza ta' ilma baħar f'xi "*samples*" li ttieħdu rriżulta fin-negattiv. Għalhekk, kollox ma' kollox jirriżulta sodisfaċentement li l-merkanzija ġarrbet il-ħsara billi xxarrbet bl-ilma tax-xita fil-waqt li kienet għadha fil-kustodja tas-soċjetà konvenuta. Billi l-importazzjoni tal-merkanzija in kwistjoni kienet assigurata ma' l-atturi *nomine*, dawn ħallsu l-kumpens relattiv lis-soċjetà importatriċi;

*Omissis;*

U jibbażaw is-sottomissjoni tagħhom fuq ir-Regolament numru 90 tar-Regolamenti dwar il-Portijiet ta' l-1966. Dan ir-Regolament jipprovdi hekk:

"*At his discretion, the Superintendent (i.e.* is-Supretendent

tal-Portijiet) may order that paints, oils or other inflammable liquids, goods which of their nature may contaminate or damage other goods and the goods specified in the Thirteenth Schedule hereto shall not be warehoused in buildings, but will be stored or deposited in the open, and always at the sole risk of the owner''. It-''*Thirteenth Schedule*'', intestata ''*Goods Stored in the Open*'', b'riferenza għall-imsemmi Regolament numru 90, telenka diversi oġġetti li jistgħu jiġu ddepożitati fl-apert, fosthom – għal dak li jista' jkun rilevanti għall-każ in eżami u l-espressjoni li fil-fatt ġiet invokata mill-konvenuti – **l-injam** (jew ***timber*** fit-*test* Ingliż tal-Liġi);

Illi bir-rispett kollu lejn id-difensur tal-konvenuti *nomine*, din l-eċċezzjoni ulterjuri m'hijiex sostenibbli, għal-żewġ raġunijiet apparenti;

1. Illi d-diskrezzjoni invokata tispetta lis-Suprentendent tal-Portijiet, u ma nġiebet ebda prova li s-Suprentendent jew id-Direttur tal-Portijiet ħareġ xi ordni biex il-merkanzija in kwistjoni ma titqiegħedx f'imħażen, imma li titħalla fl-apert; u

2. Illi l-merkanzija in kwistjoni, konsistenti f' ''*laminated plastic sheets*'', ċertament ma taqax taħt l-esprossjoni **injam** jew ***timber,*** u għalhekk m'hijiex koperta bid-disposizzjonijiet tar-Regolament 90 hawn fuq imsemmi. Dan apparti l-fatt jekk il-konvenuti jkunux eżenti minn kull responsabbilità, jekk, minkejja li jkunu awtorizzati li jħallu l-merkanzija fl-apert a riskju tas-sid, huma ma jiħdux miżuri elementari biex jipproteġu l-merkanzija minn ħsarat bħal dawk in eżami – kwistjoni din li l-Qorti m'għandhiex għalfejn teżamina peress li r-Regolament imsemmi ma japplikax għall-merkanzija in kwistjoni;

Il-Qorti tgħaddi issa biex tażmina l-eċċezzjonijiet l-oħrajn tal-konvenuti *nomine*. Dwar l-ewwel eċċezzjoni, din illum tinsab eżawrita *stante* l-korrezzjoni mitluba mill-atturi *nomine* u awtorizzata mill-Qorti fl-udjenza tal-lum stess;

Dwar it-tieni eċċezzjoni jingħad li l-atturi *nomine*, fost kawżalijiet oħrajn, ippremettew illi l-konvenuti *nomine* huma responsabbli għall-ħsara li saret fil-merkanzija, u a bażi ta' din il-kawżali u l-kawżalijiet l-oħrajn – li flimkien jiffurmaw ir-raġuni tat-talba attriċi – huma talbu li l-istess konvenuti *nomine* jiġu kkundannati jħallsuhom id-danni relattivi. Mela, kif kellha okkażjoni tesprimi ruħha din il-Qorti, anki kif illum ippresjeduta, f'ċirkostanzi analoġi, it-talba għad-dikjarazzjoni ta' ħtija hija impliċita fit-talba prinċipali għall-kundanna tal-ħlas tad-danni. Għalhekk, din l-eċċezzjoni tal-konvenuti *nomine* m'hijiex sostenibbli;

Dwar it-tielet eċċezzjoni, ftit jista' jkun hemm dubju li l-konvenuti *nomine* huma responsabbli għall-ħsara li ġrat fil-merkanzija. Infatti, l-merkanzija ġiet riċevuta abbord "*in apparent good order and condition*", u ma ġiex ippruvat il-kuntrarju;

U tnizzlet minn ġol-"*container*" fi stat tajjeb ukoll, għaliex altrimenti kieku niżlet b'xi ħsara, din kienet tiġi indikata fil-"*joint tally*" li sar. Għalhekk, presumibbilment il-merkanzija ġiet riċevuta mis-soċjetà konvenuta fi stat tajjeb, u ma ġiex ippruvat il-kuntrarju. Fiż-żmien li l-merkanzija, imbagħad, kienet fil-kustodja tas-soċjetà konvenuta, għamlet ħafna xita, u huwa ovvju li l-merkanzija ma kinitx protetta kontra din il-possibbilità – ċirkostanza ferm prevedibbli għall-konvenuti *nomine* fiż-żmien tas-sena meta hekk irċevew il-merkanzija biex eventwalment

jgħadduha lill-importatu.,

Issa, dwar l-ammont tad-danni, dan ma jidhirx li huwa kkontestat mill-konvenuti *nomine;*

Però fi kwalunkwe każ l-ammont ta' Lm938.50ċ jirriżulta sodisfaċentement u huwa kkonfermat mill-konvenut Reginald Micallef bil-ġurament. Iżda, ma nġiebet ebda prova li turi li l-attur ħallas l-ammont ta' Lm40 biex ġiet issortjata l-merkanzija;

U dwar l-ispejjeż tas-*survey* dawn jidhru li kienu Lm45 (ara fol. 7 *tergo* tas-*survey report)* u mhux Lm60 kif qed jitolbu l-atturi. Għalhekk, l-ammont totali tad-danni jammontaw għal Lm938.50ċ (Lm938.50ċ + Lm45);

Illi fl-aħħarnett dwar l-interessi mitluba, m'hemmx talba għal-likwidazzjoni tad-danni, imma t-talba hija għall-ħlas ta' ammont determinat;

U għalhekk l-interessi għandhom jibdew jiddekorru minn meta saret l-interpellazzjoni lill-konvenuti *nomine* għall-ħlas u tnisslet fihom l-obbligazzjoni li jħallsu. Kwindi l-interessi għandhom jibdew jgħaddu min-notifika taċ-ċitazzjoni, billi ma jirriżultax li saret interpellazzjoni anterjuri;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti (ħlief l-ewwel waħda, li l-mertu tagħha però llum huwa eżawrit); u billi tilqa' t-talba attriċi għas-somma ta' Lm983.50ċ (disa' mija u tlieta u tmenin lira u ħamsin ċenteżmu) bl-imgħax min-notifika taċ-ċitazzjoni u tiċħadha għall-kumplament. L-ispejjeż jitħallsu

skond ir-rebħ u t-telf rispettiv'';

2. Il-kumpanija konvenuta ħasset li din is-sentenza aggravatha prinċipalment għaliex il-merkanzija in kwistjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala ''injam'' għall-effetti tar-Regolamenti tal-Port. B'mod ġeneriku, il-kumpanija tillamenta wkoll li billi l-merkanzija kienet mgħottija bil-''*plastic*'', u għalhekk ma setgħetx ġarrbet daqshekk ħsara daqskemm jippretendu l-atturi;

Finalment fid-data li ngħatat is-sentenza kellu *invece* jinstema' xhud u għalhekk minħabba dan in-nuqqas is-sentenza hija anki nulla;

3. (a) L-ewwelnett l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza;

Huwa veru li l-verbal tas-seduta jikkontejni diversi kurżitajiet:

(i) Il-kumpanija ddikjarat li m'għandhiex provi aktar;

(ii) Wara dan – l-avukati tal-partijiet qablu li fis-seduta li jmiss ma tingħatax is-sentenza biex minflok jinstema' bħala xhud is-''Suprentendent tal-Port'' biex jixhed dwar l-art. 90'';

(iii) Il-Qorti tilqa' din it-talba;

(iv) U mbagħad – immedjatament wara dan kollu jingħad:

''Tibqa' għall-1 ta' Ottubru, 1990, **għas-sentenza**.....'';

Il-Qorti minn dan ir-reġistru tar-''*res gestae*'' tifhem li – għal xi raġuni jew oħra, il-Qorti ta' l-ewwel grad, għalkemm f'ċertu mument dehrilha li tista' tieqaf biex tisma' lis-Suprentendent tal-Portijiet biex jixhed – mhux fuq fatt imma fuq il-liġi – sussegwentement, forsi għaliex irrealizzat li dak li kienet ikkonċediet ma kienx proprju dak li għandu jiġi konċess – ħalliet il-kawża għas-sentenza – u l-kumpanija ma rreġistrat ebda kontrarjetà;

Għalhekk m'hemm ebda nullità fis-sentenza appellata;

(b) Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li qalet l-ewwel qorti rigward il-klassifika tal-merkanzija in kwistjoni fis-sens illi ma tarax għaliex ''*laminated plastic sheets*'' għandhom jiġu kkunsidrati bħala ''injam'' – ''*timber*''. Ir-regolamenti jippermettu lill-kumpanija konvenuta, bħala l-kuntrattur tas-Suprentendent tal-Port, li tħalli l-injam ***(timber)*** fuq il-moll u ma ddaħħlux taħt it-tinda inkwantu din l-esposizzjoni għat-temp u l-klima ma jiddanneġġjawx l-injam ***(timber).*** Għandu hawnhekk jiġi ssottolineat illi, fil-lingwa Maltija, m'għandniex kelma biex nittrasmettu l-konċett ta' ''*timber*'' tal-lingwa Ingliża. ''*Timber*'' huwa dak l-injam li għadu fl-istat oriġinali tiegħu meta z-zokk ta' siġra jiġi ssegat u maqtugħ, fil-bidu tal-proċess biex jiġi maħdum u ppreparat biex isir injam li mbagħad jiġi ttrasformat f'materjal lest għad-diversi possibbilitajiet industrijali kif jiġi ttrattat **l-injam.** – Mentri l-istess ma jistax jingħad għall-''*plastic laminated sheets*'' li jistgħu faċilment jiġu ddanneġġjati;

(ċ) Id-dubju li l-kumpanija titfa' fuq l-entità u l-valur tad-danni, kellu jiġi ssollevat u ssostanzjat fl-ewwel grad u m'huwiex ammissibbli li jiġi ssollevat f'dan l-istadju, mingħajr ma jiġi b'xi mod ssostanzjat b'xi fattur ġdid bħala prova, li l-liġi tippermetti

li jiġi prodott fl-appell;

4. Għal dawn ir-raġunijiet l-appell huwa respint u s-sentenza ta' l-ewwel grad hija pjenament ikkonfermata;

Spejjeż taż-żewġ istanzi għall-kumpanija konvenuta.